Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0541(COD)

19.5.2026

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi għall-perjodu mill-2028 sal-2034
(COM(2025)0541 – C10-0176/2025 – 2025/0541(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Karlo Ressler

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 21

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi għall-perjodu mill-2028 sal-2034
(COM(2025)0541 – C10-0176/2025 – 2025/0541(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0541),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2) u l-Artikolu 79(2), il-punti (c) u (d), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0176/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Frar 2026[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 9

[1] Għadha ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fid-dawl ta’ xenarju globali li qed jinbidel u l-instabbiltà li qed tikber, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni b’mod effettiv, inkluż biex jindirizzaw il-migrazzjoni ***irregolari***, il-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti, it-traffikar tal-bnedmin, u jirrispondu minn fuq għall-atturi tal-Istat li joħolqu u jiffaċilitaw b’mod artifiċjali l-migrazzjoni ***irregolari***, l-istrumentalizzazzjoni tal-flussi migratorji bħala għodda għal skopijiet politiċi, u l-użu ta’ tattiċi tal-gwerra ibridi, bħall-użu tal-migrazzjoni bħala arma[7], biex jiddestabbilizzaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Fl-interess tas-solidarjetà fiż-żona Schengen kollha kemm hi u fl-ispirtu ta’ responsabbiltà kondiviża għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, il-Pjan ta’ Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istat Membru jenħtieġ li jindirizza b’mod adegwat l-isfidi identifikati, b’mod partikolari fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni integrata tal-Fruntieri, l-istrateġija tal-Politika Ewropea dwar il-Viżi u fl-arkitettura l-ġdida tal-iT ta’ Schengen li tiddependi fuq is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (iT) fuq skala kbira skjerati għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tas-sigurtà kif ukoll fuq l-interoperabbiltà ta’ dawk is-sistemi. Barra minn hekk, b’appoġġ għall-missjoni ta’ kontroll fil-fruntieri, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-użu tat-teknoloġija u s-soluzzjonijiet diġitali.	(9) Fid-dawl ta’ xenarju globali li qed jinbidel u l-instabbiltà li qed tikber, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom ***u jiżguraw li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom kapaċitajiet fiżiċi, tekniċi, umani u amministrattivi adegwati*** biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni b’mod effettiv, inkluż biex jindirizzaw il-migrazzjoni ***illegali***, il-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti, it-traffikar tal-bnedmin, u jirrispondu minn fuq għall-atturi tal-Istat li joħolqu u jiffaċilitaw b’mod artifiċjali l-migrazzjoni ***illegali***, l-istrumentalizzazzjoni tal-flussi migratorji bħala għodda għal skopijiet politiċi, u l-użu ta’ tattiċi tal-gwerra ibridi, bħall-użu tal-migrazzjoni bħala arma[7], biex jiddestabbilizzaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Fl-interess tas-solidarjetà fiż-żona Schengen kollha kemm hi u fl-ispirtu ta’ responsabbiltà kondiviża għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, il-Pjan ta’ Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istat Membru jenħtieġ li jindirizza b’mod adegwat l-isfidi identifikati, b’mod partikolari fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni integrata tal-Fruntieri, l-istrateġija tal-Politika Ewropea dwar il-Viżi u fl-arkitettura l-ġdida tal-iT ta’ Schengen li tiddependi fuq is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (iT) fuq skala kbira skjerati għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tas-sigurtà kif ukoll fuq l-interoperabbiltà ta’ dawk is-sistemi. Barra minn hekk, b’appoġġ għall-missjoni ta’ kontroll fil-fruntieri, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-użu tat-teknoloġija u s-soluzzjonijiet diġitali.
[7] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE	[7] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE

(COM(2024) 570 final tal-11.12.2024).	(COM(2024) 570 final tal-11.12.2024).
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi ***wkoll*** appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE ***f'każijiet debitament ġustifikati***, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.	(10) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni***. Huwa importanti li l-Kummissjoni tiżgura koordinazzjoni ma' fondi rilevanti oħra tal-UE, bħall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna, biex timmassimizza l-impatt tal-finanzjament tal-UE u tevita d-duplikazzjoni***. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza ***biex tiġi segwita kooperazzjoni sinifikattiva u orjentata lejn ir-riżultati ma' pajjiżi terzi u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti***. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi ***azzjonijiet imwettqa f'pajjiżi terzi, inkluż*** appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.
	Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Peress li l-isfidi fil-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni tiġi adattata għall-bidliet fil-prijoritajiet għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-politika dwar il-viżi, inklużi bidliet li jirriżultaw minn pressjoni akbar fil-fruntiera, u ħtieġa li l-finanzjament jiġi orjentat lejn il-prijoritajiet bl-ogħla valur miżjud tal-Unjoni. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet urġenti u l-bidliet fil-politika u l-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, parti mill-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà. ***il-Faċilità*** tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.	(12) Peress li l-isfidi fil-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni tiġi adattata għall-bidliet fil-prijoritajiet għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-politika dwar il-viżi, inklużi bidliet li jirriżultaw minn pressjoni akbar fil-fruntiera, u ħtieġa li l-finanzjament jiġi orjentat lejn il-prijoritajiet bl-ogħla valur miżjud tal-Unjoni. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet urġenti u l-bidliet fil-politika u l-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, parti mill-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà. ***Għall-finijiet ta' tali prijoritizzazzjoni, il-ħtiġijiet urġenti u l-isfidi ta' prijorità jenħtieġ li jiġu identifikati abbażi tal-mekkaniżmi u l-għodod ta' monitoraġġ fil-livell tal-Unjoni, inklużi l-evalwazzjonijiet ta' Schengen, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-Frontex u l-analiżijiet rilevanti tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kompetenti tal-Unjoni fi ħdan il-mandati tagħhom. Il-Faċilità*** tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri. ***Tali flessibbiltà jenħtieġ li tiżgura li l-appoġġ ikun jista' jiġi dirett minnufih lejn miżuri li jsaħħu l-kapaċità operazzjonali immedjata, b'mod partikolari fis-sezzjonijiet tal-fruntieri***

esterni l-aktar esposti, u lejn investimenti b'impatt li jista' jitkejjel u dejjiemi fuq is-sigurtà, l-effiċjenza proċedurali u r-reżiljenza taż-żona Schengen.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-istati Membri jiżguraw li l-għarfien u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jitqiesu fl-implimentazzjoni ta' miżuri jew fl-indirizzar tal-isfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.	(13) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-istati Membri jiżguraw li l-għarfien u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jitqiesu fl-implimentazzjoni ta' miżuri jew fl-indirizzar tal-isfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna***, inkluż billi jagħmlu użu sħiħ mill-kapaċitajiet operazzjonali u analitiċi tagħhom u billi jiżguraw il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni effettivi ma' dawk il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji***. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-immodernizzar u t-titjib tal-effiċjenza tal-ipproċessar tal-viżi f'termini ta' detezzjoni u valutazzjoni tar-riskji għas-sigurtà u l-migrazzjoni	(16) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-immodernizzar u t-titjib tal-effiċjenza tal-ipproċessar tal-viżi f'termini ta' detezzjoni u valutazzjoni tar-riskji għas-sigurtà u l-migrazzjoni ***illegali***,

irregolari, filwaqt li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Kodiċi dwar il-Viżi. B'mod partikolari, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tal-ipproċessar tal-viżi bl-objettiv li jiġu pprovduti proċeduri tal-viża rapidi, siguri u faċli għall-klijenti għall-benefiċċju kemm tal-applikanti għal viża kif ukoll tal-konsulati. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jservi wkoll biex itejjeb is-servizz għall-applikanti għal viża, inkluż permezz ta' kopertura aħjar tas-servizzi konsulari madwar id-dinja.	filwaqt li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Kodiċi dwar il-Viżi. B'mod partikolari, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tal-ipproċessar tal-viżi bl-objettiv li jiġu pprovduti proċeduri tal-viża rapidi, siguri u faċli għall-klijenti għall-benefiċċju kemm tal-applikanti għal viża kif ukoll tal-konsulati. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jservi wkoll biex itejjeb is-servizz għall-applikanti għal viża, inkluż permezz ta' kopertura aħjar tas-servizzi konsulari madwar id-dinja.
	Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) ***L-istati*** Membri jistgħu jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza.	(17) ***L-Istati*** Membri jistgħu jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza***, inkluż billi jiżguraw l-involviment xieraq tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri, skont l-oqfsa istituzzjonali speċifiċi***.
	Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex tiżdied l-effettività tal-politika dwar ir-ritorn, bħala komponent essenzjali ta' sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni li tiffunzjona tajjeb. B'mod partikolari, jenħtieġ li

jappoġġa lill-Istati Membri biex jiżguraw ritorni rapidi, effiċjenti u sostenibbli, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa ma' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-arranġamenti ta' governanza tiegħu jridu jwasslu għat-teħid xieraq ta' deċiżjonijiet mill-awtorità baġitarja u għal sorveljanza parlamentari xierqa. B'mod partikolari, kwalunkwe speċifikazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-arkitettura interna taż-żona Schengen, tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u tal-politika komuni dwar il-viżi jenħtieġ li tiġi riflessa kif xieraq fin-nomenklatura tal-baġit permezz tal-introduzzjoni ta' linji baġitarji korrispondenti.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 24b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24b) L-implikazzjonijiet ta' dan ir-Regolament għall-baġit tal-Unjoni ġew ivvalutati[1a] skont l-Artikolu 310(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li jiġu pprovduti biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għall-implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jitqies l-impatt tal-finanzjament tiegħu fuq programmi jew politiki oħra tal-Unjoni u tiġi żgurata l-kompatibbiltà tiegħu mal-

qafas finanzjarju pluriennali kif ukoll mal-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b].

[1a] Valutazzjoni baġitarja tal-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi għall-perjodu mill-2028 sal-2034 (COM(2025)0541).

[1b] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi eżentat mill-applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali msemmija fl-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament (UE) xxxx/xxx (ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni).

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	In-nefqa ffinanzjata minn dan l-appoġġ tal-Unjoni għandha tiġi eskluża mill-bażi għall-kalkolu tal-mira tan-nefqa għall-klima u l-ambjent kif definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) xxxx/xxx (ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni).

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni illegali, il-kriminalità transfruntiera, ***u*** l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni ***irregolari*** bħala arma, biex jingħata kontribut għar-ritorn effettiv;	(b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni illegali, il-kriminalità transfruntiera, l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni ***illegali u ta' theddid ibridu ieħor*** bħala arma, ***u*** biex jingħata kontribut għar-ritorn effettiv;

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull	3. L-istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull

wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati.	wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati***, inklużi l-livell ta' esponiment ta' sezzjonijiet tal-fruntiera esterna, il-piż operazzjonali fuq l-awtoritajiet kompetenti, ir-riskji għas-sigurtà u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kapaċità sostenibbli maż-żmien***.
	Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Objettivi speċifiċi għall-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri fil-fruntieri esterni u għall-politika komuni dwar il-viżi
	1. Fi ħdan l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (a), l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen u għall-kooperazzjoni transfruntiera, inkluż billi jappoġġa:
	(a) l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn evalwazzjonijiet ta' Schengen u mekkaniżmi ta' monitoraġġ, u miżuri li jindirizzaw nuqqasijiet li jaffettwaw l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen;
	(b) miżuri li jappoġġaw l-applikazzjoni uniformi, effettiva u f'waqtha tal-acquis ta' Schengen fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament;
	(c) attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, amministrattivi u tekniċi meħtieġa biex tissaħħaħ il-governanza ta' Schengen, inklużi attivitajiet li jappoġġaw

l-evalwazzjoni u mekkaniżmi ta' monitoraġġ;

(d) azzjonijiet li jappoġġaw il-ġbir, l-iskambju u l-użu ta' informazzjoni, l-analiżi tar-riskju u l-għarfien tas-sitwazzjoni fejn meħtieġ għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen;

(e) miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prijoritajiet tal-Unjoni rilevanti għall-funzjonament taż-żona Schengen.

2. Fi ħdan l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inkluż billi jappoġġa:

(a) l-akkwist, il-manutenzjoni u t-titjib ta' mezzi tekniċi ta' trasport, sistemi ta' sorveljanza, sistemi ta' komunikazzjoni u teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni meħtieġa għall-ġestjoni effettiva u sigura tal-fruntieri;

(b) l-iżvilupp, il-kostruzzjoni, l-adattament, il-manutenzjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura u l-faċilitajiet, kif ukoll l-akkwist, il-manutenzjoni u t-titjib ta' tagħmir, f'punti ta' qsim tal-fruntiera u tul il-fruntieri esterni, inklużi assi fissi, mobbli u skjerabbli meħtieġa għat-twettiq tal-kontrolli fil-fruntieri, operazzjonijiet ta' sorveljanza u proċeduri relatati mwettqa f'konformità mad-dritt tal-Unjoni;

(c) l-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, it-titjib u l-interoperabbiltà ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġaw il-ġestjoni tal-fruntieri, inklużi azzjonijiet li jappoġġaw il-kwalità tad-data, iċ-ċibersigurtà, il-prontezza tas-sistema u l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data;

(d) it-taħriġ, il-bini tal-kapaċitajiet, l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-iżvilupp ta' standards komuni għall-gwardji tal-fruntiera u awtoritajiet oħra li jeżerċitaw

funzjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri;

(e) miżuri biex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u ma' korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti tal-Unjoni, inkluża l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-eu-LISA u korpi, uffiċċji u aġenziji kompetenti oħra tal-Unjoni;

(f) azzjonijiet li jappoġġaw il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, inkluż l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, il-bini tal-kapaċitajiet komuni, l-akkwist konġunt, l-istabbiliment ta' standards komuni, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid ta' tagħmir għad-dispożizzjoni fir-riżerva ta' tagħmir tekniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, u miżuri li jindirizzaw rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà;

(g) azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp, l-operat u l-użu tal-EUROSUR u ta' għodod oħra li jikkontribwixxu għas-sorveljanza fil-fruntieri, l-għarfien tas-sitwazzjoni, l-analiżi tar-riskju u l-iskambju ta' informazzjoni;

(h) azzjonijiet li jappoġġaw proċeduri ta' skrinjar u ta' fuq il-fruntiera fil-fruntieri esterni, inklużi attivitajiet operazzjonali u tekniċi, tagħmir, faċilitajiet, taħriġ, koordinazzjoni u attivitajiet ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti previsti skont id-dritt tal-Unjoni;

(i) l-iżvilupp u l-użu ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda b'appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri.

3. Fi ħdan l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (c), l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-politika komuni dwar il-viżi, inkluż billi jappoġġa:

(a) id-diġitalizzazzjoni tal-ipproċessar tal-viżi u l-modernizzazzjoni tas-servizzi

konsulari, bl-għan li jiġu żgurati proċeduri siguri, effiċjenti u aċċessibbli għall-applikanti għal viża;

(b) l-iżvilupp, it-titjib, il-manutenzjoni u l-operat tal-infrastruttura, il-faċilitajiet, il-miżuri ta' sigurtà, it-tagħmir operatorju u s-sistemi tal-ICT meħtieġa għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet tal-viża u l-kooperazzjoni konsulari;

(c) il-kooperazzjoni konsulari, il-kopertura konsulari, is-sigurtà tad-dokumenti u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fl-ipproċessar tal-viżi;

(d) l-iskjerament, it-taħriġ u l-bini tal-kapaċitajiet tal-persunal konsulari u ta' persunal ieħor li jikkontribwixxi għall-politika komuni dwar il-viżi;

(e) l-appoġġ lill-Istati Membri fil-ħruġ ta' viżi f'konformità mal-acquis tal-Unjoni, inklużi, fejn xieraq, viżi b'validità territorjali limitata;

(f) miżuri li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjonijiet ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi;

(g) l-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, it-titjib u l-interoperabbiltà ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġaw il-politika komuni dwar il-viżi, inkluża s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni relatata;

(h) azzjonijiet li jtejbu l-kwalità tad-data f'sistemi tal-ICT relatati mal-viżi u li jtejbu l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data;

(i) studji, proġetti pilota, skambju tal-aħjar prattiki, monitoraġġ, evalwazzjoni, għodod statistiċi u metodi jew teknoloġiji innovattivi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi.

4. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri wkoll l-appoġġ operattiv, inklużi l-kostijiet eliġibbli tal-persunal, l-attivitajiet ta'

komunikazzjoni, l-assistenza teknika u attivitajiet preparatorji, amministrattivi, ta' monitoraġġ, ta' kontroll jew ta' evalwazzjoni oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, inklużi l-kostijiet meħtieġa biex tinżamm il-prontezza operazzjonali.

5. Il-kategoriji ta' azzjonijiet u miżuri msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu eżawrjenti u għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' eliġibbiltà, il-modi ta' implimentazzjoni, il-qafas ta' prestazzjoni u l-arranġamenti ta' programmazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u l-qasam rurali, tas-sajd u tal-baħar, il-prosperità u s-sigurtà u fir-Regolament (UE) xxxx/xxx (ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni).

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Appoġġ tal-Unjoni għal azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom
	L-appoġġ tal-Unjoni jista' jiġi pprovdut għal azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom, dment li dawk l-azzjonijiet jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament u jikkomplementaw l-azzjonijiet f'pajjiżi terzi appoġġati mir-Regolament (UE) [il-Fond Ewropa Globali]. Tali azzjonijiet għandhom iservu l-interessi tal-politiki interni tal-Unjoni u jkunu konsistenti mal-attivitajiet imwettqa fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***il-pakkett*** finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 għall-perjodu mill-2028 sal-2034 huwa stabbilit għal ***EUR 15 396 750 000*** fi prezzijiet attwali. Dan għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli orizzontali għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbiliti fir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.	1. ***Il-pakkett*** finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 għall-perjodu mill-2028 sal-2034 huwa stabbilit għal ***… [ċifra mir-rapport interim dwar il-proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali għall-2028-2034 (2025/0571R(APP))],*** fi prezzijiet attwali ***u tal-2025***. Dan għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli orizzontali għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbiliti fir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fl-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet baġitarji msemmija fil-paragrafu 3 permezz tal-Faċilità tal-UE, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtiġijiet urġenti u l-isfidi ta' prijorità li jaffettwaw l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, kif identifikati abbażi ta' mekkaniżmi u għodod ta' monitoraġġ fil-livell tal-Unjoni, inklużi l-evalwazzjonijiet ta' Schengen, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-Frontex u l-analiżijiet rilevanti tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kompetenti tal-Unjoni fil-mandati tagħhom, meta tistabbilixxi prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni skont il-Faċilità

tal-UE.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposti għat-tliet programmi suċċessuri għall-fondi attwali fil-qasam tal-affarijiet interni (AMIF, BMVI u ISF), flimkien ma' Fond orizzontali dwar il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (SNR)[1] [dak li jissejjaħ "Fond SNR"]. Din il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi għall-perjodu mill-2028 sal-2034 hija parti minn dak il-pakkett[2]. Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi baġit ta' EUR 15,4 biljun għall-perjodu mill-2028 sal-2034.

Skont il-Kummissjoni, l-arkitettura u l-approċċ tal-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 (QFP 2028-2034) għandhom jipprovdu lill-Unjoni baġit modernizzat, ristruttuat biex jiżgura l-flessibbiltà u s-simplifikazzjoni, u mfassal apposta għall-ħtiġijiet lokali. Minn din il-perspettiva, flessibbiltà tfisser "baġit aktar flessibbli, li jgħaqqad l-istabbiltà u l-prevedibbiltà ma' kapaċità aktar strutturali biex jadatta għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet li qed jevolvu"[3]; filwaqt li s-simplifikazzjoni tfisser "is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u tal-proċessi għall-aċċess tal-finanzjament tal-UE", li tagħmel l-aċċess għall-fondi tal-UE għall-benefiċjarji aktar faċli, u "arkitettura aktar sempliċi, b'inqas programmi, u dan inaqqas il-piż amministrattiv".

Il-Fond SNR huwa komponent ewlieni ta' din l-arkitettura riveduta. Fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-QFP 2028–2034 propost, il-Parlament Ewropew issottolinja li l-livell ta' finanzjament propost ma jaqbilx mal-ambizzjonijiet strateġiċi tal-Unjoni jew mal-iskala tal-isfidi li qed tiffaċċja l-Ewropa, mis-sigurtà, id-difiża u l-ġestjoni tal-migrazzjoni sal-kompetittività ekonomika u teknoloġika. Dan saħaq ukoll li l-flessibbiltà u s-simplifikazzjoni jridu jkunu akkumpanjati minn riżorsi adegwati u mill-kapaċità li jrendu riżultati konkreti. Dan huwa partikolarment rilevanti minħabba li l-Fond SNR jiġbor flimkien il-politika ta' koeżjoni, il-politika agrikola komuni u l-politika komuni dwar is-sajd, iżda wkoll il-politiki fl-oqsma tal-affarijiet interni, inklużi l-migrazzjoni, l-ażil, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-qafas ta' Schengen, il-viżi u s-sigurtà interna. Il-fond għandu jiġi implimentat jew permezz tal-Pjanijiet SNR, li huma stess jitħejjew mill-Istati Membri, jiġu vvalutati mill-Kummissjoni, u jiġu adottati mill-Kunsill, jew permezz ta' Faċilità tal-UE li għandha tikkomplementa l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali u tappoġġa proġetti tranżnazzjonali u innovattivi.

Għalhekk hemm rabta mill-qrib bejn din il-proposta u l-Fond SNR. Filwaqt li din il-proposta tiddetermina l-pakkett finanzjarju u l-objettivi ta' politika, l-implimentazzjoni tagħha taqa' taħt il-qafas tal-Fond SNR. Kif jindika l-Fond SNR, "regolamenti speċifiċi għas-settur jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet speċifiċi biex jikkomplementaw il-Fond SNR" iżda dawk il-kundizzjonijiet "ma għandhomx ikunu f'kontradizzjoni" mal-Fond SNR; f'każ ta' dubju, dan tal-aħħar "għandu jipprevali" (Premessa 8). L-Anness I tal-proposta PSNR jiddetermina kif għandha tinħadem il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal kull Stat Membru għall-

[1] Proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 (2025/0240 (COD)) (il-proposta dwar il-PSNR)

[2] Flimkien mal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni u mal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna

[3] Baġit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034 (COM(2025)570 final)

implimentazzjoni tal-Pjan SNR rispettiv tiegħu. Il-proposta tippermetti wkoll lill-Istati Membri jemendaw il-pjan tagħhom u jitolbu li jallokaw mill-ġdid parti mill-ammonti bejn it-tliet strumenti tal-affarijiet interni.

Minħabba l-fatt li mhux l-Istati Membri kollha jipparteċipaw fl-oqsma ta' politika kollha tal-Unjoni ("ġeometrija varjabbli") it-tliet strumenti tal-affarijiet interni tressqu flimkien mal-Fond SNR, minflok ma ġew inkorporati fih. Il-pajjiżi assoċjati ma' Schengen suppost jipparteċipaw permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li ntlaħaq qbil dwarhom f'arranġamenti bilaterali mal-UE.

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li tipprovdi finanzjament tal-Unjoni mmirat u flessibbli biex jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni effettiva, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp ulterjuri tal-qafas ta' Schengen, fil-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u f'kompiti relatati mal-viża li jikkontribwixxu għas-sigurtà ġenerali u l-funzjonament xieraq taż-żona Schengen. Għal dan il-għan, din tappoġġa miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' sorveljanza fil-fruntieri, it-titjib tal-interoperabbiltà u d-diġitalizzazzjoni, it-titjib tal-għarfien tas-sitwazzjoni, l-iffaċilitar tal-proċeduri tal-viża, u l-iżgurar tal-konformità mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet relatati kollha.

Il-proposta tibni fuq l-arkitettura eżistenti stabbilita taħt l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI)[4] u l-istrumenti relatati tal-Unjoni, filwaqt li tqis realtajiet operazzjonali u żviluppi teknoloġiċi ġodda. Din tfittex li tiżgura l-kontinwità tal-appoġġ filwaqt li ssaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li twieġeb għall-isfidi emerġenti li jaffettwaw il-funzjonament taż-żona Schengen, il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u l-politika tal-UE dwar il-viżi. Filwaqt li hija marbuta mill-qrib mal-implimentazzjoni u l-iżvilupp kontinwi ta' sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira u arkitettura tal-interoperabbiltà tal-Unjoni, inklużi s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvvjaġġar (ETIAS), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), u l-Eurodac, il-proposta tikkomplementa wkoll l-implimentazzjoni tal-partijiet rilevanti tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil (ir-Regolament dwar l-Iskrinjar).

Tliet elementi addizzjonali tal-proposta huma l-allokazzjoni finanzjarja lil-Litwanja għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali, id-dispożizzjoni dwar ir-riżorsi għall-kostijiet operatorji tal-Istati Membri tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvvjaġġar (ETIAS) u r-regoli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1351[5].

F'dan l-isfond, ir-rapporteur jilqa' ż-żieda fl-appoġġ tal-Unjoni għall-migrazzjoni, għall-ġestjoni tal-fruntieri u għas-sigurtà interna taħt il-QFP 2028-2034 propost, u l-allokazzjoni totali għal dawn l-oqsma hija tliet darbiet ogħla minn dik taħt il-QFP attwali.

Ir-rapporteur iqis li r-regolament għandu jipprovdi aktar ċarezza u gwida lill-Istati Membri dwar il-kategoriji ta' azzjonijiet u miżuri li jistgħu jiġu appoġġati taħt l-istrument. Filwaqt li

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi

[5] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013

jippreżerva l-flessibbiltà tal-arkitettura l-ġdida, ir-regolament għandu jistabbilixxi lista mhux eżawrjenti ta' kategoriji ta' appoġġ marbuta ma' kull wieħed mill-objettivi speċifiċi tiegħu: il-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viżi. Dan jipprovdi aktar ċarezza legali u politika għat-tipi ta' appoġġ previsti, filwaqt li jevita lista preskrittiva jew ristretta żżejjed ta' azzjonijiet eliġibbli li jimminaw il-flessibbiltà meħtieġa taħt l-arkitettura l-ġdida.

Ir-rapporteur iqis ukoll li l-flessibbiltà pprovduta mill-Faċilità tal-UE għandha tkun iggwidata minn ħtiġijiet oġġettivi u minn valur miżjud tal-Unjoni ċar. Għalhekk, meta tistabbilixxi l-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni taħt il-Faċilità tal-UE, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtiġijiet urġenti u l-isfidi ta' prijorità identifikati permezz tal-mekkaniżmi u l-għodod ta' monitoraġġ fil-livell tal-Unjoni, inklużi l-evalwazzjonijiet ta' Schengen, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-Frontex u l-analiżijiet rilevanti tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kompetenti tal-Unjoni fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom. Dan jgħin biex jiġi żgurat li l-flessibbiltà ma tiġix eżerċitata b'mod li mhuwiex ċar, iżda tkun iggwidata minn prijoritizzazzjoni bbażata fuq l-evidenza u minn ħtiġijiet operazzjonali.